MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 1843/1999/2

**Joseph u Monica konjuġi Grima; u b'dikriet tal-5 ta' Frar 2013 wara l-mewt ta' Joseph Grima fil-mori tal-kawża, il-kawża tkompliet f'isem l-istess Monica Grima bħala werrieta universali tiegħu, u f'isem Olivia Ann Debattista għal kull interess li għandha u li jista' jkollha; Nazzareno u Mary Grace konjuġi Seguna**

***versus***

**Pierre Buontempo, Ruben u Romina konjuġi Buontempo u *Centre Travel Company Limited*; u b'dikriet tad-19 ta' Mejju 2000 issejjaħ fil-kawża Guido Grima**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-konvenuti Pierre Buontempo u Ruben u Romina Buontempo ["il-konvenuti Buontempo"] u mill-konvenuta *Centre Travel Company Limited* ["is-soċjetà konvenuta"], u talba oħra magħmula mill-konvenut imsejjaħ fil-kawża Guido Grima ["il-konvenut Grima"] biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tal-5 ta' April 2013, wara li titħassar dik is-sentenza għax il-konvenuti Buontempo u s-soċjetà konvenuta jgħidu illi s-sentenza (i) applikat il-liġi ħażin u (ii) kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 para. (*e*) u (*l*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili), waqt illi l-konvenut Grima jgħid illi l-istess sentenza (iii) ingħatat fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba tal-atturi, (iv) tat iżjed minn dak li ntalab u (v) applikat il-liġi ħażin (art. 811 para. (*f*), (*g*) u (*e*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. L-atturi kienu fetħu din il-kawża għax igħidu illi huma kienu silfu lill-konvenuti Buontempo u/jew lis-soċjetà konvenuta ammonti ta' flus għan-negozju u dawn biex iħallsuhom lura l-flus mislufa u xi spejjeż ħarġu *cheque*, iffirmat mill-konvenuti Pierre u Ruben Buontempo, għal wieħed u għoxrin elf lira (Lm21,000). Dan iċ-*cheque* iżda ma ġiex onorat, u l-atturi igħidu illi dan sar b'qerq. Issejjaħ ukoll fil-kawża l-konvenut Grima.

3. Din il-kawża tallum imxiet flimkien mal-kawża fl-ismijiet Guido Grima *v.* Pierre Buontempo *et* (ċitazzjoni numru 1729/2000).

4. Il-fatti, safejn huma relevanti għal din is-sentenza tallum, ġew imfissra hekk fis-sentenza attakkata:

> "... ... ... din il-kawża hi riżultat tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja li sabet [ruħha] fiha l-kumpanija *Centre Travel Co. Ltd*, li hi soċjetà ta' Pierre Buontempo u li allegatament titmexxa bi sħab bejn l-aħwa Pierre u Ruben Buontempo. Il-kjamat fil-kawża, Guido Grima, għamel żmien *book-keeper* ta' din is-soċjetà u kien ukoll impjegat u jaħdem mal-*Bank of Valletta plc* f'waħda *mill-branches* tagħha. Il-kumpanija kellha l-kont tagħha mal-istess bank u fil-*branch* fejn kien jaħdem Guido Grima. Dan tal-aħħar, biex iħallas il-kredituri tal-kumpanija, kien jirtira flus mill-kont tal-kumpanija, igħaddihom lill-bank u hu stess, f'isem il-bank, joħroġ *drafts* li kien igħaddi lill-kredituri tal-kumpanija. Ġara li, meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija ma kinitx tajba, huwa kien xorta waħda joħroġ *bank drafts* favur il-kredituri tal-kumpanija, mingħajr, però, ma jivversa flus mill-kumpanija a favur il-bank. Ir-riżultat kien li l-bank kien qed jispiċċa jħallas mill-assi tiegħu lill-kredituri tal-kumpanija.
>
> "Meta l-bank irrealizza x'kien qed jiġri, talab lil Guido Grima jirregolarizza l-posizzjoni tiegħu, u tpoġġiet *in ballo* l-posizzjoni tiegħu mal-bank. Dan Guido Grima avviċina lil ħuh Joseph u talbu jgħinu fil-problema li kellu. Dan Joseph Grima ma kellux biżżejjed flus, u avviċina ħabib tiegħu, Nazzareno Seguna, sabiex igħinu jiġbor is-somma meħtieġa ta' Lm20,000.
>
> "Dawn il-flus gew depożitati mill-kont appartenenti lill-konjuġi Joseph u Monica Grima direttament għal ġol-kont ta' *Centre Travel Co. Ltd*. Irriżulta wkoll li, fil-kont tal-konjuġi Grima, dakinhar stess tat-transazzjoni [*sic*], ġiet depożitata s-somma ta' Lm14,000 minn Nazzareno Seguna. Il-kumpanija, fuq *cheque* iffirmat minn Pierre u Ruben Buontempo, għamlet "pagament" ta' Lm21,000 (inkluż imgħax) lill-atturi biex suppost tirrifondi l-flus lilha mislufa. Dan iċ-*cheque* ma kellux data iżda meta l-attur Joseph Grima eventwalment mar isarraf dan iċ-*cheque* ma ngħatax il-flus għax il-kumpanija ma kellhiex flus. Jidher li qabel ma sar is-self mill-atturi, dawn ġew mgħarrfa li Pierre Buontempo kien qed jinnegozja xi artijiet, u allura li, 'il quddiem, flus biex jitħallas lura s-self kien sejjer ikun hemm. Kif ingħad, flus fil-kont tal-kumpanija ma ġewx depozitati, u l-atturi fetħu din il-kawża sabiex il-konvenuti jew min minnhom jiġu kkundannati jirrifondu l-flus avvanzati."

5. L-ewwel qorti qatgħet il-kawża billi, wara li qalet illi l-konvenuti kollha mxew b'qerq u illikwidat l-ammont li għandhom jieħdu l-atturi fis-somma ta' għoxrin elf lira (Lm20,000), daqs sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47), ikkundannat lill-konvenuti Buontempo u lis-soċjetà konvenuta flimkien *in*

*solidum* iħallsu lill-atturi erbgħa u tletin elf, disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€34,940.60) u ikkundannat lill-konvenut Grima jħallas lill-atturi ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87), f'kull każ bl-imgħax minn dakinhar li nfetħet il-kawża.

6. Minn din is-sentenza appellaw kemm l-atturi u kemm il-konvenuti. Din il-qorti bis-sentenza attakkata hekk qatgħet l-appell:

> "… … … tiddisponi mill-appell ta' Pierre Buontempo, Ruben u Romina miżżewġin Buontempo u *Centre Travel Co. Ltd*, u mill-appell inċidentali ta' Guido Grima, billi tiċħad l-istess u tiddisponi mill-appell inċidentali tal-atturi billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel qorti billi tikkonferma l-istess ħlief li tiddikjara lill-konvenuti Pierre Buontempo, Ruben u Romina Buontempo, is-soċjetà *Centre Travel Co. Ltd* u l-kjamat fil-kawża Guido Grima, solidalment responsabbli flimkien għall-ħlas lill-atturi tas-somma ta' €46,587.47 (l-ekwivalenti għas-somma ta' Lm20,000 mislufa), likwidat mill-ewwel qorti, liema ħlas għandu jsir bl-imgħax legali mill-15 ta' April 1998 sal-pagament effettiv.
>
> "L-ispejjeż kollha tal-kawża, inkluz *in prim'istanza*, jitħallsu b'mod solidali minn Pierre Buontempo, Ruben u Romina Buontempo, is-soċjetà *Centre Travel Co. Ltd* u Guido Grima."

7. Din il-qorti waslet għal din id-deċiżjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "… … … Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuq dak li ġara, u l-kwistjoni ddur mar-responsabbilità għal dak li ġara u min għandu jerfa' l-piż tal-aġir, żgur illegali, li wettaq Guido Grima. Dan tal-aħħar aġixxa bi frodi u bi ksur tad-doveri tiegħu bħala impjegat tal-*Bank of Valletta plc* meta ħareġ *bank drafts* biex iħallas kredituri tas-soċjetà *Centre Travel Co. Ltd* meta kien jaf li din is-soċjetà ma kellhiex flus biex tkopri dawk id-*drafts.* Hu jgħid li kien sempliċi intermedjarju billi laqqa' lil ħuh ma' Pierre Buontempo, però, fil-verità l-irwol tiegħu kien aktar minn hekk. Hu kien konxju tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tas-soċjetà *Centre Travel Co. Ltd* u kien konxju wkoll mill-posizzjoni ta' fiduċja li kellu fil-bank. Hu abbuża mid-*dual role* li kellu, u għad-djun li kellha s-soċjetà ra kif għamel biex juża flus tal-bank. Hu, forsi, kien indott jagħmel dan minn dak li kien igħidlu Pierre Buontempo, dwar negozju li dan tal-aħħar kien igħid li kien qed jagħmel fuq artijiet li allegatament kellu x-Xemxija, u allura seta' ħaseb li l-bank kien sejjer ikun skopert għal ftit żmien; però, kien hu li ddeċieda li jqarraq bil-bank u kien hu, meta kien ippressat mill-bank meta din skopriet x'kien għamel, li avviċina lil ħuh għal għajnuna. L-atturi jista' jkun li

ġew persważi jagħmlu s-self meta ltaqgħu ma' Pierre Buontempo u dan qalilhom dwar in-negozjati li kien qed jagħmel fuq biċċa art li qal li kellu, però, biex waslu għal dan, l-attur Joseph Grima ġie indott jaħseb minn ħuh Guido li kellu problemi serji mal-bank. Guido Grima – u din il-qorti tgħid, bil-kompliċità ta' Pierre Buontempo – kien li wassal għas-sitwazzjoni li l-atturi ġew skoperti minn Lm20,000, u għal dan irid jirrispondi. Anke jekk għamel li għamel bħala pjaċir lil Pierre Buontempo, fil-konfront tal-atturi kienet is-sitwazzjoni li sab ruħu fiha mal-bank, u l-familjarità ma' ħuh, li wasslet biex l-atturi jsellfu l-flus.

"Din il-qorti, għalhekk, ma tarax li tista' tilqa' l-appell ta' Guido Grima.

"Is-soċjetà *Centre Travel Co. Ltd* tgħid li s-self sar bil-għan illi tiġi salvata l-posizzjoni prekarja ta' Guido Grima fi ħdan il-bank, u mill-versamenti li saru kien biss dan Guido Grima li ggwadanja. Din il-qorti ma taqbilx. Hu veru li Guido Grima dar fuq ħuh biex isalva ġildu, però l-benefiċjarja aħħarija kienet se tkun is-soċjetà *Centre Travel Co. Ltd* u/jew l-aħwa Buontempo.

"Il-kumpanija kienet f'sitwazzjoni finanzjarja ddisprata, u dan kien żgur jafu Pierre Buontempo l-uniku direttur u rappreżentant legali tal-kumpanija. Din il-qorti hi konvinta li dan id-direttur kien jaf x'inhu jsir, u bħala tali awtorizza jew akkonsentixxa għal dak li għamel Guido Grima, u l-kumpanija għandha tirrispondi għal aġir tal-uffiċjali tagħha (ara Galea *v.* Micovic, deċiża minn din il-qorti fid-19 ta' Novembru 2001). Id-direttur ma jistax jgħid li ma kien jaf xejn b'dak kollu li sar, għax kien dmir tiegħu li jsegwi kif qed jitmexxew l-affarijiet finanzjarji tal-kumpanija.

"Kif qal Park J. fil-każ *Re Continental Assurance Co. of London plc* deċiża fl-Ingilterra fl-2001 (All ER (D)229, Ch.D):

> ""... … … in my view, [the directors] would have been expected to be intelligent laymen. They would need to have a knowledge of what the basic accounting principles for an insurance company were … … ... They would be expected to be able to look at the company's accounts and, with the guidance which they could reasonably expect to be available from the finance director and the auditors, to understand them. They would be expected to be able to participate in a discussion of the accounts, and to ask intelligent questions of the finance director and the auditors. What I do not accept is that they could have been expected to show the sort of intricate appreciation of recondite accounting details possessed by a specialist in the field … … ..."

"F'dan il-każ, ma kienx hemm bżonn li d-direttur ikollu "*an intricate appreciation of recondite accounting details*" biex isegwi dak li kien qed jiġri. Il-kumpanija ma kellhiex flus likwidi, kellha djun ma' diversi persuni jew entitajiet, iżda dawn kienu qed jitħallsu permezz ta' *drafts* maħruġa mill-bank fejn kien jaħdem Guido Grima. Din il-qorti tara li l-kumpanija, *tramite* d-direttur tagħha, kienet taf x'inhu jsir, aktar u aktar meta tqis li l-flus mislufa gew depożitati fil-kont ta' u għal gwadann tal-kumpanija *Centre Travel Co. Ltd*. Ir-responsabbilità

sħiħa għal dik li hi ġestjoni tal-kumpanija kienet f'idejn Pierre Buontempo *qua* uniku direttur, (din il-qorti żżid, bil-parteċipazzjoni attiva ta' ħuh Ruben), u l-kumpanija, għalhekk, ma tistax teħles mir-responsabbiltà tagħha.

"Dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

"Fir-rigward tar-responsabbiltà personali tad-direttur Pierre Buontempo, huwa ċar li meta jkun hemm aġir bi frode jkun hemm lok għal-*lifting the corporate veil*. Fil-ktieb *Boyle & Birds' Company Law* (*7th Edit. 2009* paġna 62), l-awturi jgħidu li:

> *""It is well established that the courts will not allow the corporate forms to be used for the purposes of fraud, or as a device to evade a contractual or other legal obligation."*

"F'dan il-każ, Pierre Buontempo pparteċipa fl-aġir doluż li wettaq Guido Grima, ippresta ruħu personalment biex jottjeni s-self, u meta lill-atturi ngħata ċ-*cheque* ta' Lm21,000 (li ma sarrafx), l-aħwa Pierre u Ruben Buontempo kienu preżenti. Il-kumpanija kienet l-*alter ego* ta' Pierre Buontempo, u dan tal-aħħar ma jistax jipprova jinħeba wara l-personalità ġuridika tal-kumpanija biex jevita r-responsabbiltà tiegħu. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Briffa *v.* Abela, deċiża fit-28 ta' Marzu 2003, id-direttur ta' kumpanija jkun personalment responsabbli għall-ħsara bl-aġir delittwuż minnu stess kommess, u "dan hu hekk il-każ anke fejn id-direttur ma jikkommettix l-aġir delittwuż personalment imma jippermetti lil ħaddieħor fil-kumpanija jikkommettih" – ara wkoll Galea *v.* Hili, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-1 ta' Ottubru 1996. Ir-responsabilità ta' Pierre Buontempo mhix bażata biss fuq il-fatt li hu l-*controlling shareholder*, iżda wkoll fuq il-prinċipju li '*la frode non merita mai la protezione della legge*' – Kollez. Vol. XXVII.I.725.

"Igħodd għall-każ, b'tixbiha, dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawża Borg Cardona *noe v.* Zammit *et*, deċiża fit-12 ta' Ottubru 2007 (sentenza li ġiet konfermata minn din il-qorti fl-14 ta' Mejju 2010) fis-sens illi:

> ""Uħud mid-diretturi jsostnu li, f'kull każ, huma m'għandhomx jinstabu responsabbli, peress li ma kinux involuti direttament fil-maneġġjar tal-operat, jew għax ma kienx ikollhom informazzjoni dwar il-posizzjoni attwali tal-kumpanija. Il-qorti ma taċċettax dan l-argument. Kif tgħid l-awtriċi Hannigan (*ibid.* paġna 845), "*the Courts are not prepared to accept that it is possible for a director to have no functions for these purposes*", jiġifieri, biex jiġu protetti l-interessi tal-kredituri. Ir-responsabilita' hija tad-diretturi *de iure* u mhux biss fuq dawk *de facto.* Id-diretturi, speċjalment meta ikun hemm kummerċ bi frodi, għandhom jitqiesu responsabbli *in solidum* għal dak li seħħ minn kull wieħed minnhom, u ma jistgħux jaħarbu mir-responsabilità billi jgħidu li peress li ma kinux ġew ippubblikati *l-accounts*, huma ma kinux a konoxxenza tal-vera sitwazzjoni. L-awturi Mayson, French & Ryan (*ibid.* paġna 778), jirrilevaw li d-dewmien fil-pubblikazzjoni tal-*accounts* ma hu ta' ebda għajnuna għad-diretturi, peress il-"*financial results are known before publication of accounts as directors know what they*

> *can ascertain*". Hekk ukoll fil-ktieb ta' Sealy (*ibid.* paġna 622) jingħad "*that there is to be included by way of factual information not only what was actually there but what, given reasonable diligence and an appropriate level of general knowledge, skill and experience, was ascertainable*". Direttur ma jistax jaħrab mir-responsabilità fuq l-iskuża li hu "ma jifhimx" jew "ma kienx jaf" x'inhu jiġri; hu għandu obbligu jkun jaf u jimpenja ruħu li jwettaq id-doveri fuqu imposti mil-liġi. Fil-ktieb tal-Professur Keay aktar qabel imsemmi jingħad, (*ibid.* paġna 89), "*A director is not able to argue that he or she left all management functions to others without question; there are minimum responsabilities that must be met and there is no such thing as a 'sleeping director'*". Peress li hawn *si tratta* minn obbligazzjoni kummerċjali, ir-responsabilità tal-intimati diretturi għandha titqies *in solidum.*"

"Id-direttur Pierre Buontempo ma jistax jitfa' t-tort kollu fuq Guido Grima, għax hi responsabbiltà tiegħu li "jkun jaf" dak li qed isir, u ma jistax jgħid li m'għandu x'jaqsam xejn man-negozju konkluż.

"L-aggravju relattiv qed jiġi miċħud.

"Fil-kuntest ta' Ruben u Romina Buontempo, hu veru li dawn, uffiċjalment, ma għandhom ebda konnessjoni mas-soċjetà *Centre Travel Co. Ltd*, però mill-provi jirriżulta li Ruben Buontempo kien involut flimkien ma' ħuh fit-tmexxija tal-kumpanija; iċ-ċirkostanza li kien firmatarju taċ-*chequebook* tal-kumpanija huwa prova ampia ta' dan. *Inoltre*, iċ-*cheque* ta' Lm21,000 li ngħata lill-attur kien iffirmat minn Pierre u Ruben Buontempo, li juri l-involviment ta' dan tal-aħħar fil-ġestjoni tan-negozju tal-kumpanija. Mingħajr ma tgħid jekk Ruben Buontempo kienx jew le '*a shadow director*', kif jallegaw l-atturi, jibqa' l-fatt li, għall-fini ta' din il-kawża, dan Ruben Buontempo ippresta ruħu pożittivament fin-negozju inkwistjoni, intrabat hu wkoll li jrodd il-flus lura, u għandu, għalhekk, jinżamm responsabbli hu personalment flimkien ma' ħuh.

"Hu veru li, *in astratto*, il-fatt li persuna tiffirma *cheque* meta d-dejn hu ta' kumpanija ma jfissirx awtomatikament li dik il-persuna daħlet hi wkoll personalment responsabbli għal dak id-dejn; però, meta tqis iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, din il-qorti hi konvinta li dan Ruben Buontempo kellu sehem attiv fin-negozju li wassal biex l-atturi jiġu indotti jiddepożitaw somma ta' flus imdaqqsa fil-kont tal-kumpanija. Fir-rigward ta' Romina mart Ruben Buontempo, dak li ftiehmu fuqu fil-kuntratt ta' separazzjoni personali huwa *res inter alios acta* għall-kredituri, u bħala parteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti allura eżistenti bejnha u żewġha, hi komparteċipi fl-obbligi li assuma żewġha fil-kors tan-negozju tiegħu (ara artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili).

"L-aggravju relattiv qed jiġi miċħud.

"Trattat issa l-appell inċidentali tal-atturi, din il-qorti tara li dawn għandhom raġun fil-kuntest taż-żewġ aggravji mressqa minnhom. Hawn qegħdin fil-kamp tal-kummerċ, u, meta jkun jekk, teżisti s-solidarjetà bejn il-parteċipanti kollha. Involuti fin-negozju kien hemm il-konvenuti kollha (inkluż il-kjamat fil-kawża), u kien b'riżultat tal-aġir tagħhom, kull wieħed għall-parti tiegħu, li l-atturi għamlu d-depożitu li

issa qed jirreklamaw. Anke jekk in-negozju jitqies li wassal għal responsabbilità *ex delicto*, il-fatt li, kif ikkonkludiet il-qorti, huma aġixxew dolożament, għandu jwassal għar-responsabbiltà *in solidum* tagħhom ukoll (artikolu 1049 tal-Kodiċi Ċivili). Tajjeb li jingħad ukoll illi l-kumpanija *Centre Travel Co. Ltd* irċeviet il-flus kollha, u ma jkunx ġust jekk hi tiġi rilaxxata mill-ħlas ta' parti mis-somma.

"Għar-rigward tal-imgħax, din il-qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-atturi li l-pern tal-kwistjoni huwa l-kuntratt ta' self li sar permezz ta' trasferiment bankarju datat 15 ta' April 1998. Is-somma mislufa kienet tikkontempla mgħax u bħala self ta' natura kummerċjali l-imgħax għandu jiġi kkalkulat mid-data tas-self u mhux mid-data tal-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja. L-imgħax irid jinħadem kif trid il-liġi, mhux meqjus dak li setgħu ftiehmu l-partijiet dwar imgħax pre-likwidati.

"Fil-kuntest tas-sottomissjoni li s-self hu null jew mhux kummerċjali għax is-self sar mingħajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti, jiġi rilevat li, skont il-liġi, tali permess hu meħtieġ meta dak li jkun jippresta self lil diversi persuni fuq bażi regolari. Meta dak li jkun jislef flus biss okkażjonalment, ma hu meħtieġ li tinġieb ebda liċenzja mill-awtorità kompetenti (ara Bonett *v.* Borg, deċiża minn din il-qorti fis-6 ta' Ottubru 1999 u Azzopardi *v.* Bonello, deċiża mill-Qorti ta' Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri, fit-3 ta' Marzu 2009).

"In-natura kummerċjali tan-negozju tibqa', però, tippersisti, darba li jirriżulta li s-self f'dan il-każ hu intrinsikament marbut mal-kummerċ u n-negozju mwettaq mill-konvenuti."

8. Il-konvenuti kollha qegħdin issa jitolbu illi s-sentenza titħassar u illi l-appell jinstema' mill-ġdid, għar-raġunijiet imfissra minnhom. Nibdew bl-aggravji tal-konvenuti Buontempo u tas-soċjetà konvenuta li flimkien talbu illi s-sentenza titħassar għax (i) applikat il-liġi ħażin u (ii) kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 para. (*e*) u (*l*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

9. L-ewwel raġuni mressqa minn dawn il-konvenuti biex ifissru għala jgħidu illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin hija illi kellu jiġi applikat l-art. 4(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386], li jgħid illi soċjetà kummerċjali għandha "personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha".

10. Dan l-aggravju huwa manifestament infondat. Il-qorti sabet bħala fatt illi l-konvenuti kienu *in mala fide* waqt illi l-aggravju huwa msejjes fuq l-argument illi ma kinux *in mala fide*. Għalhekk, li qegħdin effettivament ifittxu l-konvenuti huwa apprezzament mill-ġdid tal-fatt jekk kinux *in mala fide* jew le għax fuq din il-premessa fattwali jiddependi jekk għandux japplika l-art. 4(4) tal-Kap. 386 jew le. Fi proċeduri ta' ritrattazzjoni, iżda, ma huwiex mogħti li jsir apprezzment mill-ġdid ta' fatti li ġà ġew meqjusa fis-sentenza attakkata u dwarhom ingħata ġudizzju.

11. Dan l-aggravju għalhekk huwa manifestament infondat u huwa miċħud.

12. Il-konvenuti jgħidu illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin ukoll għax:

> "… … … huwa minnu li *cheque* huwa kkunsidrat bħala dokument ta' kreditu imma dan ma jfissirx illi fi kwalunkwe każ kull min jiffirma *cheque* jew ukoll ikun il-firmatarju fuq kont li minnu jistgħu jinħarġu ċekkijiet ikun qiegħed irendi ruħu personalment responsabbli għall-ħlas hemmhekk indikat ukoll [*sc.* meta] in-negozju ma kienx jinvolvi lilu personalment. … … … l-argument illi Ruben u Romina Buontempo kellhom jiġu wkoll personalment dikjarati responsabbli għaliex kienu 'ko-parteċipi' fil-ħruġ taċ-ċekkijiet in kwistjoni ftit li xejn jagħmel sens u dan peress illi s-sempliċi firma fuq *cheque* weħidha ma twassalx għar-responsabiltà persunali tal-firmatarju fejn jirriżulta bl-aktar mod ċar u univoku li n-negozju kien qiegħed isir mas-soċjetà mittenti tal-istess *cheque* u mhux mal-firmatarji personalment. Tassew illi kieku l-ewwel onorabbli qorti segwiet dan ir-raġunament ma kenitx tikkundanna lill-appellanti Buontempo fil-vesti tagħhom persunali u huwa ghalhekk li jirriżulta li saret applikazzjoni ħażina tal-liġi a tenur tal-art. 811 (*e*)."

13. Huwa minnu illi min jiffirma *cheque* f'isem soċjetà ma jsirx b'hekk biss "fi kwalunkwe każ" responsabbli għall-ħlas ta' dak *iċ-cheque*, iżda s-sentenza attakkata mkien ma tgħid hekk: ma tgħidx li l-firmatarji saru responsabbli għall-fatt biss li iffirmaw iċ-*cheque* – anzi qalet illi "il-fatt li persuna tiffirma *cheque* meta d-dejn hu ta' kumpanija ma jfissirx awtomatikament li dik il-persuna daħlet hi wkoll personalment

responsabbli għal dak id-dejn" – iżda l-firmatarji tqiesu responsabbli għax il-qorti kienet tal-fehma illi kienu flimkien ħatja ta' qerq.

14. L-argument tal-konvenuti huwa għalhekk imsejjes fuq premessa ħażina, u l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

15. Il-konvenuti jkomplu jgħidu illi s-sentenza attakkata applikat il-liġi ħażin ukoll għax il-qorti:

> "… … ... naqset milli tindirizza l-fatt li filwaqt li l-atturi jirreferu għaċ-ċekk numru 11204911010 (*fol*. 311 tal-proċess) liema ċekk jirriżulta illi jinsab indirizzat lil Zaren Seguna (il-kaligraflja hija dik ta' Guido Grima) u ffirmat minn Pierre Buontempo u Ruben Buontempo, huma ma ressqu ebda prova illi fll-fatt dan iċ-ċekk ma ġiex onorat. L-onorabbli Qorti tal-Appell tinnota ġustament li dan iċ-ċekk ma kellux data imma tonqos milli tinnota li ċ-ċekk ma setax fl kwalunkwe każ jiġi onorat mill-bank proprju *in vista* tal-fatt li ma kienx datat. Fin-nuqqas ta' prova sodisfacenti da parti tal-atturi in sostenn ta' dak minnhom allegat, ossija illi fil-fatt iċ-ċekk ġie preżentat u ma ġiex onorat għal-raġunijiet li jaħtu ghalihom l-intimati, l-esponenti ma jistgħux jifhmu kif l-onorabbli Qorti tal-Appell setghet tasal sabiex tilqa' t-talbiet attriċi. Illi b'żjieda, bil-kontra tal-akkoljiment ta' tali talbiet, kellu jirriżulta applikabbli għall-każ il-prinċipju ... ... ... li ġjaladarba kreditur jew preżunt tali jaċċetta forma ta' ħlas permezz ta' ċekk, jekk dan iċ-ċekk ma jissarrafx u b'hekk huwa ma jitħallasx minħabba negliġenza tiegħu stess, id-debitur ikun b'hekk meħlus mid-dejn tiegħu ... ... ..."

16. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk il-prinċipju ċitat mill-konvenuti huwiex tassew wieħed ta' applikazzjoni ġenerali, il-qorti tosserva illi dak li verament qegħdin igħidu l-atturi ma huwiex illi s-sentenza attakkata applikat il-liġi ħażin iżda li għamlet apprezzament ta' fatt ħażin meta qalet illi ċ-*cheque* ma ġiex onorat. Iżda ma huwiex miftuħ issa illi din il-qorti tagħmel apprezzament ġdid ta' dan il-fatt biex tara jekk is-sentenza attakkata tgħidx sew li ċ-*cheque* ma ġiex onorat, u għalhekk l-argument tal-konvenuti, imsejjes fuq il-premessa illi ma hemmx prova illi ċ-*cheque* ġie preżentat, huwa ħażin u, fiċ-ċirkostanzi, x'aktarx fieragħ. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

17. Il-konvenuti jkomplu jgħidu:

> "Illi s-sentenza hija wkoll affetta minn żball fl-applikazzjoni tal-liġi ħażina fir-rigward tal-intimata Romina Buontempo li fir-rigward tagħha kellu jsib applikazzjoni l-art. 1327 tal-Kodiċi Ċivili li, filwaqt li jindika liema huma dawk id-djun li jaggravaw il-komunjoni tal-akkwisti, iservi sabiex jeskludi għal kollox l-involviment tal-intimata Romina Buontempo f'dan kollu *multo magis* meta hi personalment ma kellha x'taqsam xejn mal-partijiet salv illi, fiż-żmien relattiv, kienet miżżewġa ma' Ruben Buontempo. *In vista* ta' dak li jinsab provdut taħt l-art. 1327 tal-Kodiċi Ċivili, liema artikolu kellu jsib applikazzjoni f'dawn il-proċeduri, jirriżulta allura li fir-rigward ta' Romina Buontempo wkoll is-sentenza li tagħha tintalab ir-ritrattazzjoni hija inġusta in kwantu tikkontjeni żball fl-applikazzjoni tal-liġi l-ħażina a tenur tal-art. 811(*e*)."

18. L-art. 1327 tal-Kodiċi Ċivili fil-parti relevanti jgħid hekk:

> "**1327.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun li ġejjin:
>
> "… … …
>
> "(*f*) kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda."

19. Is-sentenza attakkata qalet illi Romina Buontempo twieġeb għad-dejn "bħala parteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti allura eżistenti bejnha u żewġha". Dan iżda ma hux biżżejjed għax kellha tara wkoll jekk id-dejn huwiex wieħed li jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, l-aktar meta sabet illi l-konvenuti Pierre u Ruben Buontempo kienu personalment responsabbli għad-dejn għax kienu ħatja ta' qerq, il-qorti kellha tara jekk it-talba tal-atturi kinitx għal "rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda". Din il-qorti ma hijiex sejra tagħmel din l-indaġni f'dan l-istadju *in rescindendo*, iżda, billi din hija indaġni li kien imissha saret u għandha ssir, sejra tħassar is-sentenza attakkata fil-kap tagħha biss li jolqot ir-responsabilità personali ta' Romina Buontempo u tordna illi l-appell ta' din relativ għal dak il-kap tas-sentenza jinstema' mill-ġdid.

20. Il-konvenuti Buontempo u s-soċjetà konvenuta jgħidu wkoll illi:

> "... ... ...saret applikazzjoni ħażina tal-liġi wkoll fir-rigward tal-kap tal-imgħaxijiet fejn l-onorabbli Qorti tal-Appell ordnat li dawn għandhom jitħallsu mill-15 t' April 1998 u dan a bażi tal-fatt li "l-pern tal-kwistjoni huwa l-kuntratt ta' self li sar permezz ta' trasferiment bankarju datat 15 t'April, 1998". Tali konklużjoni hija fil-fehma tal-esponenti waħda għal kollox inopportuna għaliex, kif jirriżulta ċar mid-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti li llikwidat tali ammont dovut mill-esponenti fi tliet kwarti tal-ammont mitlub mill-atturi, tali ammont mhuwiex wieħed likwidu imma *da liquidarsi* u kwindi għandu japplika l-art. 1141 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi espressament li l-imgħaxijiet mhux kummerċjali u li fir-rigward tagħhom il-liġi ma tipprovdix li għandhom jiddekorru l-imgħaxijiet *ipso jure* għandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-interpellazzjoni ġudizjarja."

21. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk jgħaddux imgħaxijiet jew le fuq somma li trid tiġi likwidata[1], u jekk debitur li għandu f'idejh u qiegħed igawdi minn flus li jmissu lill-kreditur għandux jieħu benefiċċu mid-dewmien tal-proċeduri, bħallikieku debitur li inġustament jikkontesta d-dejn tiegħu jitqies li qiegħed jingħata self bla mgħax sakemm tinqata' l-kawża, il-qorti tosserva illi s-sentenza attakkata interpretat il-fatt tat-"trasferiment bankarju" ta' għoxrin elf lira (Lm20,000) bħala self ta' somma determinata u kien għalhekk illi ordnat li jgħaddi l-imgħax fuq dik is-somma. Għal darba oħra l-konvenuti, taħt il-pretest ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi, qegħdin ifittxu illi din il-qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti, u, kif ingħad kemm-il darba, dan l-apprezzament ġdid tal-fatti ma jingħatax fi proċeduri ta' ritrattazzjoni.

22. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

23. L-aħħar aggravju tal-konvenuti Buontempo u tas-soċjetà konvenuta huwa taħt l-art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Igħidu illi s-sentenza attakkata hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża "konsistenti fl-assunzjoni li l-mertu tal-kawża kien jirreferi għal negozju ta' natura kummerċjali".

---

[1] Il-prinċipju applikabbli huwa *lite contestata usuræ currunt* (Dig. 22,1,35, minn Paulus, *ad edicta*, 35).

24. Ritrattazzjoni taħt l-art. 811(*l*) ma tingħatax jekk dak il-fatt ikun "punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza". Jekk in-negozju kienx ta' natura kummerċjali jew le kien punt ikkontestat u deċiż bis-sentenza kif jidher inekwivokabilment minn din is-silta:

> "Fil-kuntest tas-sottomissjoni li s-self hu null jew mhux kummerċjali għax is-self sar mingħajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti, jiġi rilevat li, skont il-liġi, tali permess hu meħtieġ meta dak li jkun jippresta self lil diversi persuni fuq bażi regolari. Meta dak li jkun jislef flus biss okkażjonalment, ma hu meħtieġ li tinġieb ebda liċenzja mill-awtorità kompetenti … … ...
>
> "In-natura kummerċjali tan-negozju tibqa', però, tippersisti, darba li jirriżulta li s-self f'dan il-każ hu intrinsikament marbut mal-kummerċ u n-negozju mwettaq mill-konvenuti."

25. Manifestament għalhekk dan l-aggravju huwa infondat u għandu jitqies bħala fieragħ.

26. Ngħaddu issa għat-talba tal-konvenut Grima. Dan qiegħed igħid illi s-sentenza attakkata għandha titħassar għax (i) ingħatat fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba tal-atturi u (ii) tat iżjed minn dak li ntalab u (iii) applikat il-liġi ħażin (art. 811 para. (*f*), (*g*) u (*e*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

27. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-konvenut Grima qiegħed igħid illi s-sentenza attakkata ngħatat fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba tal-atturi u tat iżjed minn dak li ntalab għax l-atturi talbu li jintraddu lilhom "flus avanzati lill-konvenuti", *i.e.* lill-konvenuti Buontempo u lis-soċjetà konvenuta u mhux flus avanzati lilu. Tant hu hekk, ikompli jgħid Grima, illi hu ma kienx parti fil-kawża mill-bidu iżda kellu jissejjaħ fil-kawża bħala konvenut wara li nbdiet. Barra minn hekk, hu ma kienx wieħed minn dawk li iffirmaw iċ-*cheque* li jissemma fil-premessi u fit-talbiet.

28. Meta persuna tissejjaħ fil-kawża titqies bħallikieku konvenuta, u talba għall-kundanna tal-konvenuti titqies ukoll talba għall-kundanna ta' kull

min jissejjaħ fil-kawża. Billi mhux kull ma jissemma fil-premessi – fil-każ tallum, il-fatt illi l-konvenuti iffirmaw iċ-*cheque* – ma jkunx igħodd għal kull konvenut ma jfissirx illi dak il-konvenut ma jistax jiġi kundannat, sakemm il-fatti attribwibbli lilu huma biżżejjed biex tiskatta r-responsabilità tiegħu. Fil-każ tallum waħda mill-premessi ewlenin hija illi l-konvenuti qarrqu bl-atturi u ingannawhom. Din il-qorti fis-sentenza attakkata sabet bħala fatt – b'mod insindakabbli f'dan l-istadju – illi l-konvenut Grima wettaq "aġir doluż" li fih ipparteċipaw il-konvenuti l-oħra. Barra minn hekk, għalkemm il-flus maħruġa mill-atturi ma ġewx "avanzati" direttament lill-konvenut Grima, ċertament inħarġu fl-interess tiegħu wkoll għax, kif tgħid is-sentenza attakkata, dan "avviċina lil ħuh [l-attur Joseph Grima] għal għajnuna" għax kellu "problemi serji mal-bank", u kien biex jinħeles il-konvenut Grima minn dawn il-problemi li l-atturi ħarġu l-flus.

29. Għalhekk ma jistax jingħad illi meta ikkundannat ukoll lill-konvenut Grima s-sentenza attakkata ngħatat fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba tal-atturi jew tat iżjed minn dak li ntalab.

30. Il-konvenut Grima jgħid ukoll illi l-atturi ma talbux dikjarazzjoni ta' responsabilità solidali tal-konvenuti, jew kundanna ta' dawn biex iħallsu *in solidum*. Għalhekk ukoll igħid illi, meta ikkundannat lill-konvenuti kollha, fosthom Grima stess, *in solidum*, is-sentenza attakkata ngħatat fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba tal-atturi u tat iżjed minn dak li ntalab.

31. Dan l-aggravju huwa fieragħ. Ir-responsabilità *in solidum* ta' dawk li jkunu mxew dolożament toħroġ espressament mil-liġi[2]. L-atturi talbu dikjarazzjoni ta' responsabilità u kundanna għall-ħlas: ma talbux biss kundanna tal-konvenuti individwalment; ladarba sabet li kien hemm

[2] Art. 1049, Kod. Ċiv.

*dolus* tal-konvenuti kollha, fosthom ukoll il-konvenut Grima, il-qorti kellha, biex timxi kif trid il-liġi, tikkundanna lill-konvenuti kollha *in solidum*.

32. L-aħħar aggravju tal-konvenut Grima taħt id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 811(*f*) u (*g*) jolqot il-kundanna għall-ħlas tal-imgħax, u ġie minnu mfisser hekk:

> "L-atturi la talbu minn meta bdew jiddekorru l-imgħaxijiet u lanqas li dawn jitlhallsu "sal-pagament effettiv". Kif jidher kemm miċ-ċitazzjoni kif ukoll mill-atti l-esponenti ma kien ġie mitlub iħallas b'att ġudizjarju ebda somma u wisq anqas imgħaxijiet. It-talba rigward il-ħlas *tas-sorte* hija *da liquidarsi* u tabilħaqq il-qorti sabet illi s-somma premessa fiċ-ċitazzjoni ta' Lm21,000 kellha tiġi ridotta għal Lm20,000 minħabba li kellha imgħax kompriż fiha aktar milli dak dovut. Għalhekk, meta talbiet ikunu redatti bħal ma huma redatti fiċ-ċitazzjoni l-imgħax jibda jiddekorri minn meta l-ammont dovut jiġi likwidat u fi kwalunkwe każ ladarba ma ġiex mitlub illi l-imgħaxijiet jiddekorru sad-data tal-effettiv pagament, il-qorti ma setgħetx tiddeċiedi illi l-ħlas likwidat għandu jitħallas bl-imghax legali sal-pagament effettiv."

33. Il-fatt illi fit-talba ma jissemmewx *dies a quo* u *dies ad quem* għall-imgħax ma jfisser la li l-imgħaxijiet ma jibdewx igħaddu u lanqas illi jibdew igħaddu minn meta u sa meta jgħid il-konvenut. Il-qorti sabet bħala fatt insindakabbli f'dan l-istadju illi d-dejn kien wieħed kummerċjali u għalhekk l-imgħaxijiet jibdew igħaddu *ipso iure* minn dakinhar tad-dejn.

34. Dwar jekk is-somma kapitali kinitx likwida jew le l-qorti ttenni dak li ġà qalet fil-paragrafu 21 ta' din is-sentenza, li għalih issir referenza. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

35. Fl-aħħar aggravju tiegħu l-konvenut Grima jgħid illi l-qorti applikat il-liġi ħażin għax "ma identifikat ebda disposizzjoni jew prinċipju tal-liġi li fuqu setgħet issib xi ħtija legali" tiegħu, waqt li kien imissha applikat l-artt. 999, 1000, 1001, 1030, 1031, 1032, 1033 u 1044 tal-Kodiċi Ċivili:

> **"999.** (1) Hadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruħu jew jikkuntratta ħlief għalih innifsu.
>
> "(2) B'dan kollu, wieħed jista' jobbliga ruħu lejn ieħor, billi jwiegħed xi ħaġa li għandha tiġi magħmula minn persuna oħra; iżda, f'dan il-każ, jekk din il-persuna l-oħra ma tkunx trid tesegwixxi l-obbligazzjoni, dak li jkun obbliga ruħu jew wiegħed it-twettiq tal-obbligazzjoni, ikun suġġett biss għall-ħlas tal-ħsara.
>
> **"1000.** Wieħed jista' wkoll jikkuntratta għall-vantaġġ ta' terza persuna, meta dan ikun il-mod jew il-kondizzjoni ta' patt li jagħmel għalih innifsu, jew ta' donazzjoni jew ta' konċessjoni magħmula minnu lil ħaddieħor; u l-persuna li tagħmel dan il-patt ma tistax tħassru jekk dik it-terza persuna tkun iddikjarat li trid tinqeda bih.
>
> **"1001.** Il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi.
>
> **"1030.** Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.
>
> **"1031.** Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.
>
> **"1032.** (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.
>
> "(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.
>
> **"1033.** Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.
>
> **"1044.** Għall-ħsara magħmula kontra s-sewwa, iwieġbu wkoll dawk li bi ħsieb magħmul ikunu ħadu sehem fiha b'pariri, b'theddid jew bi kmandi."

36. Il-konvenut Grima qiegħed igħid illi l-ewwel qorti kien imissha applikat l-artt. 999 sa 1001, dwar l-effett ta' kuntratti quddiem terzi, għax hu ma kienx parti fil-kuntratt ta' self bejn l-atturi u l-konvenuti l-oħra.

37. Huwa minnu illi din il-qorti fis-sentenza attakkata qalet illi "l-pern tal-kwistjoni huwa l-kuntratt ta' self li sar permezz ta' trasferiment bankarju datat 15 ta' April 1998". Sabet iżda illi dan is-self, għalkemm sar lis-soċjetà konvenuta, kien ukoll fl-interess tal-konvenut Grima biex dan joħroġ mill-inkwiet li daħal fih mal-bank.

38. Barra minn hekk, għandu jingħad ukoll illi dan il-kumment tal-qorti dwar "il-pern tal-kwistjoni" kien sar fil-kuntest tal-kwistjoni dwar l-imgħaxijiet, biex jiġi determinat id-*dies a* quo, u mhux dwar ir-responsabilità. Dak li wassal lill-qorti biex tiddeċiedi dwar ir-responsabilità tal-konvenut Grima kienet il-konsiderazzjoni illi:

> "... ... ... kien hu li ddeċieda li jqarraq bil-bank u kien hu, meta kien ippressat mill-bank meta din skopriet x'kien għamel, li avviċina lil ħuh għal għajnuna. L-atturi jista' jkun li ġew persważi jagħmlu s-self meta ltaqgħu ma' Pierre Buontempo u dan qalilhom dwar in-negozjati li kien qed jagħmel fuq biċċa art li qal li kellu, però, biex waslu għal dan, l-attur Joseph Grima ġie indott jaħseb minn ħuh Guido li kellu problemi serji mal-bank."

39. Il-qorti sabet, bħala fatt insindakabbli f'dan l-istadju, illi seħħ qerq bil-kompliċità tal-konvenuti kollha meta l-konvenut Grima abbuża mill-pożizzjoni tiegħu fil-bank u meta l-atturi ġew persważi joħorġu flus – fl-interess tal-konvenut Grima daqskemm tal-konvenuti l-oħra – għalkemm il-konvenuti kollha, fosthom Grima, kienu jafu illi s-soċjetà konvenuta ma kellhiex mnejn tħallas lura dan id-dejn. Qalet espressament illi "involuti fin-negozju kien hemm il-konvenuti kollha (inkluż il-kjamat fil-kawża), u kien b'riżultat tal-aġir tagħhom, kull wieħed għall-parti tiegħu, li l-atturi għamlu d-depożitu li issa qed jirreklamaw".

40. Jekk il-konvenut Grima mexiex, kif qiegħed igħid issa, "bl-aktar mod miftuħ u veritjier", hija kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' fatti u mhux ta' applikazzjoni ta' liġi. Li qiegħed jippretendi l-konvenut Grima meta jgħid illi l-qorti kien imissha applikat l-artt. 1030, 1031, 1032, 1033 u 1044 tal-Kodiċi Ċivili ma hijiex l-applikazzjoni ta' dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi iżda l-interpretazzjoni tal-fatti fid-dawl ta' dawk id-disposizzjonijiet. Din l-interpretazzjoni ġà saret fis-sentenza attakkata li sabet, bħala fatt, illi l-konvenut Grima kellu sehem fil-qerq. Il-qorti issa ma tistax tinterpreta dawk il-fatti mill-ġdid.

41. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

42. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mit-talba għat-tħassir tas-sentenza billi tiċħad għalkollox it-talba tal-konvenut Grima u tiċħad ukoll it-talba tal-konvenuti Buontempo u tas-soċjetà konvenuta ħlief safejn din it-talba tolqot il-kap dwar ir-responsabilità u l-kundanna tal-konvenuta Romina Buontempo. Għalhekk, kif igħid u jrid l-art. 813 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tħassar biss dak il-kap tas-sentenza attakkata fejn ġiet konfermata r-responsabilità ta' Romina Buontempo u fejn din ġiet kundannata tħallas *in solidum* mal-konvenuti l-oħra, u tordna illi l-appell relativ għal dak il-kap jinstema' mill-ġdid.

43. L-ispejjeż tal-proċeduri *in rescindendo* jiġu regolati hekk: l-ispejjeż relativi għat-talba tal-konvenut Grima jħallashom l-istess konvenut Guido Grima; l-ispejjeż relativi għat-talba tal-konvenuti Buontempo u tas-soċjetà konvenuta, ħlief biss dawk relativi għar-responsabilità u l-kundanna tal-konvenuta Romina Buontempo, iħallsuhom l-istess konvenuti Buontempo u s-soċjetà konvenuta; dwar l-ispejjeż relativi għar-responsabilità u l-kundanna tal-konvenuta Romina Buontempo jkun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------